MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 2

9 ta' Lulju 2024

Minuti tas-seduta Nru. 2 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra l-Kunsillier J. Cauchi li pparteċipa virtwalment minħabba li kien indispost.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 1 tal-4 ta' Lulju 2024, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/minuti-2024/

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1. Ma kienx hemm materji mqajjma mill-minuti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Aċċess minn Triq it-Torri t'Għajn Ħadid waqt xogħlijiet mill-Korporazzjoni tal-Ilma (C/6/Vol IX)

3.1.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li huwa ġie avviċinat minn persuni li għandhom raba aċċessibbli mit-triq imsemmija, liema aċċess ilu mblukkat għal diversi jiem, minħabba li trinka tan-*new water*.

3.1.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li minn tagħrif li huwa kiseb mingħand Infrastructure Malta, ix-xogħol fuq Triq it-Torri t'Għajn Ħadid ma kienx ippjanat li jinbeda daqshekk kmieni, iżda kellu jsir hekk sabiex ma jintilifx żmien, minħabba li x-xogħol fuq Triq il-Fortizza Ta' Campbell kellu jieqaf kawża ta' investigazzjonijiet li qed isiru mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Is-Sur G. Micallef qal li qed iżomm kuntatt ma'

Infrastructure Malta sabiex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi li ser ikun hemm sakemm jitlesta x-xogħol, billi l-wisa' tat-triq huwa limitat ħafna.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 08/07/24;
- Skeda ta' infieq permezz tal-*petty cash* – 15/06/24 – 04/07/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 15/06/24 – 08/07/24;
- Minuti – Kunsill Reġjonali Tramuntana – 13/05/24;
- Minuti – Kunsill Reġjonali Tramuntana – 27/06/24;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Appell mill-permess PA 6161/23 – Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/4/10/Vol III)

5.1.2. Saret referenza għall-ittra datata 25 ta' Ġunju 2024, mibgħuta mit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li sar appell Nru. 177/24 mill-ħruġ tal-permess PA 6161/23, li jinvolvi t-tqegħid ta' imwejjed, siġġijiet u umbrellel quddiem l-istabbiliment Espiral f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Il-Kunsill talab lit-Tribunal sabiex isegwi dan u ntbagħtet notifika l-ewwel smiegħ tiegħu ser isir fis-16 ta' Lulju 2024 fis-2:00pm. Interventi waqt dan is-smiegħ jistgħu jsiru fis-Sala tat-Tribunal kif ukoll b'mod virtwali.

5.1.3. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti.

### 5.2.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq in-Naħal (T/3/2/Vol XVII)

5.2.2. Saret referenza għal talba li saret minn minn persuna li għandu maħżen b'aċċess minn bieb ta' 1 metru wisa' minn Triq in-Naħal. Intalab sabiex jiġi allokat spazju għall-ħatt u tagħbija ta' merkanzija qrib il-maħżen tiegħu f'Nru. 34, Triq in-Naħal.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba ma tistax tiġi milqugħa peress li l-faċilità mitluba testendi quddiem garaxxijiet li hemm fuq iż-żewġ naħat tal-bieb li jagħti għall-maħżen tal-applikant.

### 5.3.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVI)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 58 tas-27 ta' Diċembru 2023, meta l-Kunsill qabel li għandu jiġi allokat spazju għall-ħatt u tagħbija ta' merkanzija, bejn Triq il-Garżella u Misraħ tas-Salib. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret spezzjoni fuq il-post minn uffiċjal ta' Transport Malta, u sussegwentement permezz ta' ittra datata 25 ta' Ġunju 2024 l-istess Awtorità approvat li l-*bus bay* eżistenti tiġi spusstjata għal quddiem l-ex-Shoppers, filwaqt li ssir *un/loading bay* eżatt mal-*buildout* tal-*pelican crossing* u l-parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità jitmexxa wkoll biex jiġi eżatt bejnha u l-*built-out*.

5.3.3. Billi ġew espressi dubji dwar jekk il-*bus bay* hijiex ser tiġi qrib wisq il-ħruġ minn Triq Għajn Żejtuna, kien hemm qbil li l-kuntrattur konċernat għandu jintalab ifassal l-arranġament approvat fuq il-post.

### 5.3.1. 125 Anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa (S/6/Vol VIII)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Ġunju 2024, dwar talba li saret mill-Uffiċċju Parrkokjali tal-Mellieħa lill-Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana fejn intalbet għajnuna finanzjarja mir-

Reġjun għall-istampar ta' ktejjeb fl-okkażjoni tal-125 anniversarju mill-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa. Il-kontributuri f'din il-pubblikazzjoni ta' 48 faċċata jinkludu Valentina Lupo, Charlene Vella, u Therese Vella. Din l-pubblikazzjoni hija stmata li tiswa madwar €3,000.

5.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lir-Kunsill Reġjonali sabiex jingħata sussidju sa' massimu ta' €1,500 mill-Fond tal-Kultura b'riżq din l-inizjattiva.

### 5.4.1. Eco-Market f'Misraħ il-Parroċċa – Mellieħa (A/6/3/2/Vol 94)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Ġunju 2024, fejn il-promotur tal-Eco-Market talab li dan iseħħ f'Misraħ il-Parroċċa fit-17 u t-18 ta' Awwissu, jew fl-24 u l-25 ta' Awwissu 2024. Dan jinvolvi bejgh ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Kien propost li din l-attività sseħħ fin-nofs tal-pjazza tan-naħa tal-knisja, kif ukoll fuq il-Belvedere tas-Sur.

5.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-attività sseħħ fil-parti ndikata, fis-17 u t-18 ta' Awwissu.

### 5.5.1. PA 4280/24 – Żvilupp fi Triq il-Knisja l-Qadima (P/5/8/K)

5.5.2. Saret referenza għall-*outline development application* imsemmija li tinvolvi sit li jinsab biswit il-Knisja l-Qadima tal-Manikata fejn qed jiġi propost tibdil intern ġol binja, żamma tal-faċċata eżistenti, garaxx fil-livell tat-triq, maisonette, sitt appartamenti, u żewġ *penthouses*. Kien spjegat li permezz tal-permess PA 3498/21 kienet inbniet blokka fuq in-naħa l-oħra tal-istess knisja. Skond il-*Policy* NWUS 5 tal-Pjan Lokali, li tippermetti bini li jkollu kantina bi 3 filati 'il fuq mil-livell tat-triq u tlett sulari fuqhom.

5.5.3. Il-Kunsill ra wkoll *policies* oħra rilevanti fil-Pjan Lokali, li jipprovdu kif indikat hawn taħt:

| | |
|---|---|
| *Section 1, 5.1.6* | *Urban Settlements - states that: "...Manikata and Baħrija are small urban settlements dominated by the countryside and are relatively inaccessible. Their service function is not expected to increase and neighbourhood centres have been identified to reinforce the social focus of the village";* |
| Section 2, 17.3.1. | *"...characterised by the serenity and quiet environment created by the low number of residents and compactness of the dwellings and the very few traffic movements through the streets";* |
| Section 2, 17.3.4. | *"... recent (2006) construction resulting from the interpretation of building heights have caused adverse visual impact.";* |
| Policy NWUS 4, 5.2.13. | *"The designation of Manikata as a Residential Priority Area, mostly for terraced dwellings and other sites for villas, and its role as a small urban settlement within the countryside must not be compromised…".* |

5.5.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li minkejja l-*policy Policy* NWUS 5, hemm l-obbligu morali li l-awtoritajiet kompetenti f'dan il-każ partikulari għandhom jissalvagwardjaw il-patrimonju kulturali u storiku, billi din il-komunità taf l-bidu tagħha proprju fiż-żona tal-Knija l-Qadima tal-Manikata. Kien hemm qbil li għandha ssir rappreżentazzjoni f'dan is-sens mal-Awtorità tal-Ippjanar.

## 5.6.1. Skambju ta' żjarat li jinvolvu tfal permezz tal-ġemellaġġ Mellieħa-Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Ġunju 2024 mibgħuta mill-Comune di Cavriglia, fejn staqsew dwar il-possibiltà li dan is-sajf jiġi organizzat skambju ta' żjarat għat-tfal bħalma sar fis-sena ta' qabel.

5.6.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-Comune di Cavriglia għandu jintalab jgħaddi aktar dettalji bħalma huma l-etajiet tat-tfal u żgħazagħ li jixtiequ jkunu nvoluti, kif ukoll id-dati disponibbli għalihom. Kien hemm qbil li t-tema taż-żjara mhux neċessarjament tibqa' it-tagħlim tal-Ingliż, iżda oqsma oħra bħalma hija l-istorja u l-arti.

## 5.7.1. Vjaġġ edukattiv lejn il-gżira ta' Filfla organizzati mir-Reġjun Tramuntana (A/5/5/Vol VII)

5.7.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna li r-Reġjun Tramuntana se jkun qed jorganizza żewġ vjaġġi edukattivi bil-lanċa lejn il-ġżira ta' Filfla għal residenti anzjani minn sittin sena 'il fuq reġistrati f'xi waħda mil-lokalitajiet fir-Reġjun Tramuntana. Dawn huma skedati għat-30 ta' Lulju u t-8 ta' Awwissu 2024. Huwa qal ukoll li r-Reġjun qed jikkolabora mad-Diviżjoni tal-Anzjanità Attiva bil-għan li jintlaħqu l-membri tal-komunità anzjani fil-lokalitajiet. Huwa spjega li ser jiġi pprovdut trasport fis-07:45 am minn fejn l-Iskola Primarja. Il-ħlas għal kull persuna ser ikun €26 li hija ħlas nominali, peress li Reġjun Tramuntana qed ikopri l-ispejjeż kollha relatati mad-dokumentazzjoni meħtieġa, permessi, gwidi, ilma u trasport.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Arranġamenti marbuta mal-festi titolari fil-Manikata u l-Mellieħa (T/3/2/Vol XVII)

5.8.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa mal-entitajiet kollha nvoluti fiż-żewġ festi għandha fit-8 ta' Awwissu 2024 fis-07:00pm.

## 6.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Mellieħin 2024 (A/5/3/5/Vol XII)

6.2. Is-Sindku G. Micallef ippropona li l-Iljieli Melleħin jergħu jsiru fl-aħħar tmiem-il ġimgħa ta' Lulju, fis-26, 27 u 28, biż-żieda tat-2 ta' Awwissu bl-Lejla Selmunija bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Armar. Huwa ppropona wkoll li l-ewwel lejl, din id-darba jkun fil-Manikata fis-26 ta' Lulju bil-kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Festa ta' San Ġużepp. Tressaq abbozz tal-programm mqassam kif ġej:

| |
|---|
| <u>Il-Ġimgħa, 26 ta' Lulju 2024</u> |
| "Majjalata" fi Triq Dun Manwel Grima, mis-7.30 pm 'il quddiem organizzat mill-Kumitat tal-Festa ta' San Ġużepp tal-Manikata<br><br>Mistiedna Speċjali: Il-kantanta Francesca Baldacchino u l-pjanista Maria-Elena Farrugia<br><br>Wirja tal-Karozzi f'Misraħ il-Parroċċa, il-Manikata bil-kollaborazzjoni ta' Old Motors Association |
| <u>Is-Sibt, 27 ta' Lulju 2024</u> |
| **Triq Gorg Borg Olivier**:<br><br>Fis-6.30pm: Disney Parade<br><br>Mis-7.30pm – 9.30pm (Palk Nru. 1): *Show* minn Artemocion Dance & Leisure Studio |

9.30pm: Kant minn Gaia Gambuzza

Mis-7.30pm 'il quddiem (Palk Nru. 2):

Kant minn Steve Galea u Claudia Calleja/Ben Purple/Joe & Alice Grech/Maria Cini

Wirja ta' Vetturi minn diversi dilettanti lokali

**Triq il-Kbira**:

Fis-6.00pm: Parata mill-Mellieħa Scout Group

Fis-7.00pm: Tikka Band

**Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II:**

Mis-7.30pm 'il quddiem Imwejjed bi prodotti artiġjanali; Alfred The Magician

**Bitħa tas-Santwarju:**

mis-7.30pm 'il quddiem

Wirja tal-arti min-numru ta' artisti lokali u Art Club 2000

Wirja minn *Malta Owls*

**Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa**

Fit-8.00pm - Mużika sagra mill-Kor tal-Imperial

Fit-8.30pm – Kunċert Vokali mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina

**Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa**

Fis-7.30pm – BBQ mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina

Rokna għat-Tfal li tinkludi *Bouncy Castle, Sand Crafting, Candy Floss, Ride on Me, Sip and Paint* u *Alfred the Magician*

**Palk Ewlieni:**

Mis-7.00pm sad-9.00pm: Martina Xerri/Neil Sant/Kelsy Attard/Adam Galea/Mikaela Borg/Street Elements

Mid-9.00pm sal-11.00pm: JAMM Band bil-parteċipazzjoni ta' Alexia Farrugia/Emma Cutajar/Cassandra Scerri/Thea Gauci/Mireille Borg

Il-Ħadd, 28 ta' Lulju 2024

**Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II:**

Mis-7.30pm 'il quddiem: Imwejjed bi prodotti artiġjanali; Alfred *The Magician; The Fire Jugglers; u Escola De Samba Malta Street Performance*

**Bitħa tas-Santwarju:**

Mis-7.30pm 'il quddiem - Wirja ta' arti min-numru ta' artisti lokali u Art Club 2000

| |
|---|
| **Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa**<br><br>Rokna għat-Tfal li tinkludi *Bouncing Castle, Sand Crafting, Candy Floss, Ride on Me, Sip and Paint* u *Alfred the Magician*<br><br>6.00pm: Attività sportiva mill- *Mellieħa Baseball and Softball Team*<br><br>**Palk Ewlieni:**<br><br>Mis-6.30pm 'il quddiem: Ċentru Anzjanità Attiva Mellieħa<br><br>Spettakklu minn Artemocion Dance and Leisure Dance Studio<br><br>KUD Dukat Serbian Cultural Artistic Society Malta<br><br>*Escola De Samba Malta Street Performance*<br><br>Kant minn Philip Vella u Freddie Portelli<br><br>Għeluq tas-serata mill-grupp ***The Buskers*** |
| Il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu 2024 |
| Lejla Selmunija (mis-7.00 'il quddiem viċin l-irziezet ta' Selmun)<br><br>Serata mużiko-letterarja mtella' bil-kollaborazzjoni tas-Sur Joseph Felix Cachia<br><br>Spettaklu ta' mużika u żfin folkloristiku Malti<br><br>Imwejjed bi prodotti tipiċi Maltin, filwaqt li l-irziezet ikunu miftuħa għall-pubbliku |

6.3. Is-Sindku spjega bl-ispejjeż magħrufa sad-data tas-seduta huma inqas mill-baġit allokat ta' €35,000, izda huwa previst li dan jinqabeż u għaldaqstant isir użu mill-allokazzjoni ta' €5,500 tal-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ, li din id-darba ma' saritx.

6.4. Is-Sur G. Micallef ssuġġerixxa li d-dettalji tal-programm jiġu trattat waqt laqgħa informali għall-membri kollha tal-Kunsill fil-20 ta' Lulju 2024 fid-9:00am, fejn kull kunsillier ser jiġi offrut jissorvelja t-taqsimiet varji tal-attivijiet imsemmija aktar 'il fuq.

6.5. Il-Kunsill approva l-kontenut kollu tal-programm spjegat aktar 'l fuq.

**7.1. Avviż Legali 154 tal-2024 li jemenda r-Regolamenti dwar Tqegħid Temporanju ta' *Caravans* f'Lokalitajiet (B/5/Vol IV)**

**7**.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fit-3 ta' Lulju 2024 saret laqgħa dwar il-permessi tal-*caravans* u l-*campers* mal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. O. Bonnici, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor A. Zerafa Civelli, flimkien mad-Direttur Ġenerali E. Vassallo. Għan-naħa tal-Kunsill attenda is-Sindku G. Micallef, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-uffiċjal M. Gambin.

**7**.3. Fil-laqgħa ġie spjegat li l-avviż legali 154/2024 ser jibqa' meħtieġ li bejn Ġunju u Settembru ser jibqa' meħtieġ li jinħareġ permess għat-tqegħid temporanju *campers* jew *caravans.* Dan issa irid isir sempliċiment billi wieħed javża fejn jixtieq li dawn jitqiegħdu. Din in-notifika mhux se tkun iktar f'forma ta' applikazzjoni jew talba mal-Kunsill Lokali, iżda minflok permezz tas-sistema tal-permessi għal perjodu massimu ta' mhux iktar minn sebat ijiem fil-lokalità rispettiva.

**7.4.** Min ma jsegwix din il-proċedura, ser ikun soġġett għall-kontravenzzjonijiet li huma nklużi fir-Regolamenti oriġinal. L-emenda għandha sservi ta' deterrent kontra min jabbuża bi stazzjonar għal tul mhux raġonevoli ta' spazji pubbliċi.

7.5. Il-ħlas relattiv matul ix-xhur imsemmija se jibqa' dak ta' €5 għal kull jum, iżda se tiddaħħal rata oħra ta' €0.50 għal kull jum għal min għandu 60 sena jew aktar. Il-flus miġbura ser jingħataw lill-Kunsill Lokali.

7.6. Ġie spjegat li se jibqa' fis-seħħ id-dritt mogħti lill-Kunsill Lokali bis-saħħa tar-Regolamenti dwar it-Tqegħid Temporanju ta' *Caravans* u *Campers* fil-Lokalitajiet biex jamministraw żoni speċifiċi għat-tqegħid ta' *caravans* jew *campers* (designated sites) li jkun fihom ukoll servizzi ladarba dawn jiġu stabbiliti bil-proċedura kif imsemmija fil-liġi.

7.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li fil-każ tal-Mellieħa sar ħafna xogħol bil-għaqal fl-għażla tal-ħames spazji li ġew allokatit, frott tal-kuntatti u laqgħat li kien hemm, bil-għan li jkun aktar kontroll u inqas konġestjoni. Huwa kkummenta li l-emendi li saru wieħed jista' jmur fejn irid.

7.8. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, li dan il-punt tqajjem waqt il-laqgħa, u t-tweġiba kienet li l-Kunsill jista' jagħmel rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex ċerti postijiet ikunu pprojbiti għall-*caravans* u l-*campers*.

7.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**8.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

8.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 8 ta' Lulju 2024.

8.3. Tressqet Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li sar bejn it-2 ta' Ġunju u l-4 ta' Lulju 2024;

8.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn il-15 ta' Ġunju u t-8 ta' Lulju 2024.

10.2. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-08:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Awwissu 2024 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**